MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CAROL PERALTA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003

Numru 295/2002

**PULIZIJA**
**SPETTUR MORGAN AZZOPARDI**

**VS**

**ELVIS FALZON**

Illum 21 ta’ Ottubru 2003.

Il-Qorti;

Wara li rat l-imputazzjoni migjuba kontra Elvis Falzon ta’ 25 sena, bin George u Rosaria nee’ Bondin, imwieled Zabbar fit-2 ta’ April 1978 u residenti “Tal-Grazzja”, Triq il-Gross, Marsascala, detentur tal-karta ta’ identita’ bin-numru 206778M;

Talli fis-16 ta’ April 2002, f’Wied il-Ghajn, wara nofsinhar, bil-hsieb li jaghmel serq aggravat bil-mezz, valur u lok ghad-detriment ta’ Anthony Zarb ID. Numru 459648 (M), wera dan il-hsieb b’atti esterni u ta bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt, liema delitt ma’ giex ezegwit minhabba xi haga accidentali u ndipendenti mill-volonta’ tieghu.

Wara illi rat l-Artikoli 41(1)(a), 261(b)(c)(e), 263, 264, 265, 266, 267, 269, 278, 279, 280, 281 u 533 tal-Kodici Kriminali;

Ikkonsidrat:

Illi wara illi l-Qorti semghet lill-partijiet jittrattaw;

U wara illi rat ir-rapport prezentat mill-Probation Officer dwar l-andament ta’ l-imputat u r-rakomandazzjonijiet f’dan l-istess rapport;

Din il-Qorti, filwaqt li ssieb lill-imsemmi Elvis Falzon hati ta’ kif akkuzat mill-Prosekuzzjoni, qeghda tilliberah bil-kondizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fiz-zmien tlett (3) snin mil-lum, a tenur ta’ l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta.  Kif ukoll qeghda tobbliga lill-istess Elvis Falzon sabiex darba fix-xahar imur jara lill-Probation Officer M’Grace Vella u jaghddilha r-rizultati tat-testijiet ta’ l-urina, waqt illi kif ukoll, a xelta tieghu, jaghzel agenzija kontra l-abbuz ta’ droga u jattendiha regolarment izda volontarjament u jaghti rendikont ta’ din l-attendenza lill-istess Probation Officer, li kull sitt (6) xhur matul dan il-

perjodu ta’ tlett (3) snin, ghandha taghmel rapport dwar l-andament u progress ta’ l-imputat.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------